Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 170/21**
il-Lussemburgu, 6 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-50/19 Sigma Alimentos Exterior vs Il-Kummissjoni, fil-kawżi magħquda C-51/19 P World Duty Free Group vs Il-Kummissjoni u C-64/19 P Spanja vs Il-Kummissjoni, fil-kawża C-52/19 P Banco Santander vs Il-Kummissjoni, fil-kawżi magħquda C-53/19 P Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni u C-65/19 P Spanja vs Il-Kummissjoni kif ukoll fil-kawżi C-54/19 P Axa Mediterranean vs Il-Kummissjoni u C-55/19 P Prosegur Compañía de Seguridad vs Il-Kummissjoni

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali li jikkonfermaw il-klassifikazzjoni tal-iskema fiskali Spanjola ta' amortizzazzjoni tal-avvjament finanzjarju (goodwill) bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern

Fl-2007, wara diversi mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-membri tal-Parlament Ewropew, kif ukoll ilment ta' operatur privat, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali tal-kompatibbiltà, mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, tal-leġiżlazzjoni fiskali Spanjola dwar l-amortizzazzjoni tal-avvjament finanzjarju (goodwill) fil-każ ta' akkwisti ta' ishma minn kumpanniji residenti f'impriżi oħra.

Bis-saħħa ta' miżura fiskali introdotta fl-2001 fil-liġi Spanjola dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji (iktar 'il quddiem il-"miżura fiskali inkwistjoni"), l-avvjament finanzjarju li jirriżulta minn akkwist ta' ishma ta' mill-inqas 5 % minn impriża residenti f'kumpannija barranija jista' jitnaqqas, fil-forma ta' amortizzazzjoni, mill-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta mill-impriża residenti, bil-kundizzjoni li hija żżomm dan l-akkwist ta' ishma mingħajr interruzzjoni għal mill-inqas sena. Min-naħa l-oħra, l-akkwisti ta' ishma minn impriżi taxxabbli fi Spanja f'impriżi residenti oħra ma jagħtux lok għal amortizzazzjoni tal-avvjament finanzjarju, ħlief fil-każ ta' grupp ta' impriżi.

**Permezz ta' deċiżjonijiet tat-28 ta' Ottubru 2009**[1] **u tat-12 ta' Jannar 2011** [2] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati"), **il-Kummissjoni ddikjarat li l-miżura fiskali inkwistjoni kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern, u imponiet fuq Spanja li tirkupra l-għajnuna mogħtija.**

Adita b'diversi rikorsi għal annullament ippreżentati minn impriżi stabbiliti fi Spanja [3], **il-Qorti Ġenerali annullat l-imsemmija deċiżjonijiet b'sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014** [4], **billi qieset li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet in-natura selettiva tal-miżura fiskali inkwistjoni** - peress li s-selettività hija waħda mill-kriterji neċessarji u kumulattivi li jippermettu li miżura nazzjonali tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat.

Wara l-appelli ppreżentati mill-Kummissjoni, **il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-imsemmija sentenzi, għar-raġuni, essenzjalment, li dawn kienu bbażati fuq kunċett żbaljat tal-**

---

[1] Deċiżjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

[2] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/KE, tat-12 ta' Jannar 2011, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 135, p. 1) Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' żewġ rettifiki ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-3 ta' Marzu 2011 u fis-26 ta' Novembru 2011.

[3] B'mod partikolari Autogrill España SA (attwalment World Duty Free Group SA), Banco Santander SA, u Santusa Holding SL.

[4] Sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni (T-219/10, EU:T:2014:939) u Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11, EU:T:2014:938, CP 145/14).

**kundizzjoni ta' selettività ta' vantaġġ, u rrinvijat il-kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali [5].** Fuq rinviju, **din tal-aħħar ikkonfermat in-natura selettiva tal-miżura fiskali inkwistjoni u ċaħdet ir-rikorsi għal annullament ippreżentati kontra d-deċiżjonijiet ikkontestati [6].**

**Adita b'appelli ppreżentati din id-darba mill-impriżi rikorrenti u mir-Renju ta' Spanja** (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), **il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tiċħadhom billi tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tas-selettività ta' miżuri fiskali.**

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad il-motivi ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, li skont hija ċerti argumenti mressqa mill-appellanti fil-kuntest tal-appelli tagħhom ma kinux tqajmu quddiem il-Qorti Ġenerali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-motivi u l-argumenti li jirriżultaw mis-sentenza appellata stess u li huma intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha, ma jistgħux jitqiesu li jbiddlu s-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk, l-argumenti li permezz tagħhom l-appellanti jikkontestaw il-konsegwenzi bbażati fuq is-soluzzjoni legali mogħtija mill-Qorti Ġenerali għall-motivi diskussi quddiemha huma ammissibbli.

**Fir-rigward tas-selettività tal-miżura fiskali inkwistjoni,** il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, sussegwentement, **li s-sempliċi fatt li l-imsemmija miżura hija ta' natura ġenerali, sa fejn tista' *a priori* tibbenefika lill-impriżi kollha suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji, skont jekk dawn iwettqux jew le ċerti tranżazzjonijiet, ma jeskludix li din tista' tkun ta' natura selettiva.** Fil-fatt, huwa stabbilit li l-kundizzjoni tas-selettività tkun issodisfatta meta l-Kummissjoni jirnexxielha turi li tali miżura tidderoga mis-sistema fiskali normali applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, u b'hekk tintroduċi, permezz tal-effetti konkreti tagħha, trattament differenzjat bejn operaturi li jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema fiskali normali, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli.

**Sabiex tkun tista' tikklassifika miżura fiskali nazzjonali bħala selettiva, il-Kummissjoni għandha ssegwi metodu fi tliet stadji.** L-ewwel nett, hija **għandha tidentifika s-sistema fiskali komuni jew normali applikabbli** fl-Istat Membru. Sussegwentement, hija għandha **turi li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga minn din is-sistema ta' riferiment** billi tintroduċi distinzjonijiet bejn impriżi li jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema fiskali komuni jew normali, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli. Fl-aħħar nett, hija għandha **tivverifika jekk id-differenzazzjoni introdotta tkunx iġġustifikata** peress li tirriżulta min-natura jew mill-istruttura tas-sistema li tagħmel parti minnha.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, fil-kuntest tal-**Kawżi C-51/19 P u C-64/19 P, C-52/19 P, C-53/19 P u C-65/19 P, C-54/19 P u C-55/19 P,** il-Qorti tal-Ġustizzja tiffoka fuq l-ilment tal-appellanti bbażat fuq **allegat żball imwettaq mill-Qorti Ġenerali fid-determinazzjoni tas-sistema ta' riferiment.**

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li d-determinazzjoni tas-sistema ta' riferiment għandha tirriżulta minn eżami oġġettiv tal-kontenut, tal-artikolazzjoni u tal-effetti konkreti tar-regoli applikabbli skont id-dritt nazzjonali. Konsegwentement, meta l-miżura fiskali ineżami tkun indiviżibbli mis-sistema fiskali ġenerali tal-Istat Membru kkonċernat, għandu jsir riferiment għal tali sistema. Min-naħa l-oħra, meta jidher li l-miżura inkwistjoni tkun isseparata b'mod ċar mill-imsemmija sistema ġenerali, ma jistax jiġi eskluż li l-kuntest ta' riferiment li jkollu jittieħed inkunsiderazzjoni jkun iktar limitat minn din is-sistema ġenerali, jew li hija tidentifika ruħha ma' din l-istess miżura, meta din tkun tippreżenta ruħha bħala regola li għandha loġika ġuridika awtonoma.

---

[5] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, CP 139/16).

[6] Sentenzi tal-15 ta' Novembru 2018, Banco Santander vs Il-Kummissjoni (T-227/10, mhux ippubblikata, EU:T:2018:785), Sigma Alimentos Exterior vs Il-Kummissjoni (T-239/11, mhux ippubblikata, EU:T:2018:781), Axa Mediterranean vs Il-Kummissjoni (T-405/11, mhux ippubblikata, EU:T:2018:780), Prosegur Compañía de Seguridad vs Il-Kummissjoni (T-406/11, mhux ippubblikata, EU:T:2018:793), World Duty Free Group vs Il-Kummissjoni (T-219/10 RENV, EU:T:2018:784), u Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11 RENV, EU:T:2018:787, 175/18).

Barra minn hekk, fid-determinazzjoni tas-sistema ta' riferiment, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi li jikkostitwixxu t-taxxa, hekk kif ikunu ddefiniti mill-Istat Membru kkonċernat. Min-naħa l-oħra, ma hemmx lok, matul dan l-ewwel stadju tal-eżami tas-selettività, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur waqt l-adozzjoni tal-miżura suġġetta għall-eżami.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, l-ewwel nett, li **mid-deċiżjonijiet ikkontestati jirriżulta b'mod ċar li s-sistema ta' riferiment użata mill-Kummissjoni hija kkostitwita mid-dispożizzjonijiet ġenerali tas-sistema tat-taxxa fuq il-kumpanniji li jirregolaw l-avvjament b'mod ġenerali.**

Sussegwentement, hija tiċħad l-argument tal-appellanti li, sabiex tiddetermina s-sistema ta' riferiment, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq it-teknika leġiżlattiva magħżula mil-leġiżlatur nazzjonali sabiex jadotta l-miżura fiskali inkwistjoni, jiġifieri l-introduzzjoni ta' deroga mir-regola ġenerali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-użu, mil-leġiżlatur nazzjonali, ta' teknika leġiżlattiva partikolari, bħal dik tal-introduzzjoni ta' deroga minn regola ġenerali, ma jistax ikun biżżejjed sabiex jiddefinixxi s-sistema ta' riferiment rilevanti għall-finijiet tal-analiżi tas-selettività. Tali natura derogatorja tista' madankollu tirriżulta rilevanti meta minn dan jirriżulta, bħal f'dan il-każ, li żewġ kategoriji ta' operaturi ikunu distinti u jkunu *a priori* s-suġġett ta' trattament differenzjat, jiġifieri dawk li jaqgħu taħt il-miżura derogatorja u dawk li jibqgħu jaqgħu taħt is-sistema fiskali komuni. Għalhekk, **il-Qorti Ġenerali ġustament ħadet inkunsiderazzjoni, fost kunsiderazzjonijiet oħra, in-natura derogatorja tal-miżura fiskali inkwistjoni għall-finijiet tal-eżami tan-natura selettiva tagħha.**

Fil-kuntest tal-**Kawża C-50/19 P**, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma, barra minn hekk, li **miżura nazzjonali tista' tkun selettiva anki fil-każ fejn il-benefiċċju tal-vantaġġ li hija tipprevedi ma jiddependix mill-karatteristiċi tal-impriża benefiċjarja iżda mit-tranżazzjoni li din tiddeċiedi jew le li twettaq.** B'hekk, miżura tista' titqies li tkun selettiva anki jekk ma tidentifikax *ex ante* kategorija partikolari ta' benefiċjarji u jekk l-impriżi kollha stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament mid-daqs, mill-forma ġuridika, mis-settur ta' attività jew minn karatteristiċi oħra partikolari għalihom, potenzjalment ikollhom aċċess għall-benefiċċju previst minn din il-miżura bil-kundizzjoni li jipproċedu b'tip speċifiku ta' investiment. **Fil-fatt, konstatazzjoni ta' selettività** ma tirriżultax neċessarjament minn impossibbiltà għal ċerti impriżi li jibbenefikaw mill-vantaġġ previst mill-miżura inkwistjoni minħabba l-karatteristiċi proprji tagħha, iżda **tista' tirriżulta mis-sempliċi konstatazzjoni li teżisti tranżazzjoni li, filwaqt li tkun paragunabbli ma' dik li tikkundizzjona l-għoti tal-vantaġġ inkwistjoni, ma tagħtix dritt għal dan il-vantaġġ, billi tiffavorixxi, konsegwentement, biss lill-impriżi li jagħżlu li jwettqu din l-operazzjoni tal-aħħar.**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, **fil-kawżi kollha inkwistjoni,** billi identifikat, fil-kuntest tat-tieni stadju tal-analiżi dwar is-selettività, iż-żamma ta' ċerta koerenza bejn it-trattament fiskali u t-trattament kontabbli tal-avvjament bħala għan tas-sistema ta' riferiment, **il-Qorti Ġenerali** ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha stess għal dik tad-deċiżjonijiet ikkontestati u **wettqet**, minħabba f'hekk, **żball ta' liġi.**

**Madankollu, dan l-iżball ma huwiex ta' natura li jwassal għall-annullament tas-sentenzi appellati, sa fejn id-dispożittiv tagħhom huwa bbażat fuq motivi oħra ta' liġi.** F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-Qorti Ġenerali rreferiet ġustament għall-ġurisprudenza tagħha li tgħid li l-eżami tal-paragunabbiltà li għandu jitwettaq waqt it-tieni fażi tal-analiżi tas-selettività għandu jitwettaq fid-dawl tal-għan tas-sistema ta' riferiment, u mhux ta' dak tal-miżura kkontestata. **Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-impriżi li jakkwistaw ishma f'kumpanniji mhux residenti jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mit-trattament fiskali tal-avvjament, f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli għal dik tal-impriżi li jakkwistaw ishma f'kumpanniji residenti.** F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma kienx irnexxilhom, b'mod iktar partikolari, jistabbilixxu li l-impriżi li jwettqu akkwisti ta' ishma f'kumpanniji mhux residenti jinsabu

f'sitwazzjoni legali u fattwali differenti u, għaldaqstant, mhux paragunabbli ma' dik tal-impriżi li jwettqu akkwisti ta' ishma fi Spanja.

---

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza fil-Kawża C-50/19 P, fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, fil-Kawża C-52/19 P, fil-Kawżi magħquda C-53/19 P u C-65/19 P kif ukoll fil-Kawżi C-54/19 P u C-55/19 P jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*